# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

GUDIKATUR
**AVV. DR. DUNCAN BORG MYATT**

**Udjenza ta' nhar il-Hamis 3 t'Ottubru 2024**

**Talba nru. 14/2023**

**CARMEN SIVE KAREN SULTANA**
**(KI 134869M)**

*VERSUS*

**ANGELO MALLIA ET**
**(KI 329076M)**

**IT-TRIBUNAL,**

Ra illi permezz ta' Avvizipprezentat fit-12 ta' Jannar 2023 l-attrici talbet lil dan it-Tribunal jikkundanna lill-konvenuti jhallsu l-ammont ta' mitejn tnejn u tmenin Ewro wiehed u erbghin centezmu (Eur 282.41) rapprezentanti spejjez ghall-intallar ta' intercom fil-blokka ta' appartamenti fejn jghixu l-partijiet. Bl-Ispejjez inkluz dawk ta' l-ittra ufficjali ta' l-14 ta' Novembru 2022 u bl-imghaxijiet.

Ra illi l-konvenuti gew debitament notifikati w ipprezentaw risposta fit-8 ta' Frar 2023 fejn fiha ecceppew illi t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda fl-intier bl-ispejjez.

Sema x-xhieda prodotta.

Ra l-affidavit.

Ra d-dokumenti esebiti.

Ra l-atti processwali.

Ra illi din il-kawza thalliet ghas-sentenza.

Provi

Illi minkejja illi l-provi f'din il-kawza huma minimi, t-Tribunal jemmen illi ghandu jaghti sintezi tal-provi qabel jaghmel il-kunsiderazzjonijiet tieghu li jwassluh ghad-decizjoni.

L-attrici Karen Sultana xehdet permezz ta' affidavit fejn tghid illi hija ghandha appartament bin-numru 1, f'numru 20, Triq Dun Gwann Mamo, Tarxien u li l-konvenuti ghandhom appartament sopprapost. Fil-blokka hemm biss dawn iz-zewg appartamenti u ghandhom intercom mal-bieb komuni ta' barra.

Fit-30 t' Ottubru 2022, l-attrici tghid illi l-konvenuta u binha kellhom argument, tant illi setghet tisma kollox. Bin il-konvenuta kien hareg il-barra u sabbat il-bieb ta' l-appartament u wara l-bieb tal-komun. Meta semghet dan kollu, l-attrici tghid illi harget fil-verenda u rat lit-tifeltal-konvenuta jaghti daqqa ta' ponn lil intercom. Meta r-ragel ta' l-attrici irritorna lura d-dar ra li l-intercom kienet imkissra u l-qanpiena ma bdietx indoqq.

L-attrici tghid illi minhabba problemi passati li spiccaw quddiem il-Qrati, l-attrici ma tistax tkellem lill-konvenuti u ghaldaqstant kellha tirrikorri mill-ewwel ghand l-avukat. Sa llum, l-intercom ghadha ma tahdimx u cioe illi l-qanpiena ta' l-attrici ma ddoqqx. Minhabba li l-mudell ta' l-intercom m'ghadux jezisti, l-attrici trid thallas Eur 282.41 biex tixtri mudell simili gdid.

Il-konvenut Angelo Mallia xehed fid-9 ta' Jannar 2024 fejn ikkonferma illi joqghod f'appartament sopprapost ghal ta' l-attrici. Huwa jinnega illi t-tifel taghhom kisser l-intercom. Il-konvenut jikkonferma anke permezz ta' recording illi l-qanpiena u l-intercom jiffunzjonaw tajjeb.

Fil-kontro ezami, l-konvenut ighid illi fejn hemm l-isem tal-familja taghhom l-intercom hija imbuttata lura. L-konvenut ighid illi r-recordings li ipprezenta juru li l-qanpiena tad-dar taghhom tiffunzjona izda ma jafx jekk ta' l-attrici tahdimx ghaliex ma kienx se jdoqq il-qanpiena taghha.

L-attrici giet kontro ezaminata fis-16 t'April 2024 fejn qalet li l-intercom ilha mwahhla minn meta saru l-appartamenti u cioe madwar erbatax-il sena. Tghid illi l-veranda taghha qieghda fuq in-naha tal-lemin tal-blokka. Tikkonferma wkoll illi sa llum l-intercom ghadha ma nbidlitx.

Ikkunsidra

Illi l-attrici qed titlob l-ammont ta' Eur 282.41 li jirraprezentaw nefqa li trid issir sabiex tinbidel intercom fil-blokka ta' fejn ghandha l-appartament stante illi hija tallega illi din inkisret mit-tifel tal-konvenuti. Min-naha taghhom il-konvenuti jargumentaw illi t-tifel taghhom ma kisser l-ebda intercom u li l-intercom taghhom tahdem minkejja illi hija sfrundata.

Dan it-Tribunal jinnota illi dan huwa kaz klassiku fejn il-verzjonijiet tal-partijiet huma totalment kontrastanti – parti attrici tallega illi l-intercom inkisret b'daqqa li ta t-tifel tal-konvenuti u min-naha l-ohra l-konvenuti jinnegaw dan filwaqt illi jsostnu illi ma hemm l-ebda hsara fl-intercom.

F'cirkostanzi simili, u fejn il-provi kollha tal-kaz jistriehu biss fuq il-verjonijiet tal-partijiet, it-Tribunal ikun mistenni jezamina x-xhieda fir-reqqa sabiex jara liema verzjoni hija verosimili.

L-attrici targumenta illi semghet argumenti bejn il-konvenuta u binha u li dan wassalha biex harget fil-veranda, meta semghet lit-tifel hiereg barra. F'dan il-mument rat lit-tifel tal-konvenuti jaghti daqqa ta' ponn fuq l-intercom li skondha wassal ghal hsarat fl-intercom taghha.

Il-konvneuti jqajjmu diversi argumenti sabiex ixejjnu l-allegazzjoni attrici fosthom illi t-tifel taghhom ma kienx ilahhaq sew ma l-intercom u anke jqanqlu dubju jekk mill-veranda, l-attrici setghetx tara lit-tifel tal-konvenuti jaghti d-daqqa fuq l-intercom.

Fatt, li fil-fehma tat-Tribunal johloq certu dubju huwa l-fatt illi minkejja t-trapass ta kwazi sentejn mill-akkadut u cioe mit-30 t'Ottubru 2022, l-attrici baqghet minghajr intercom li tiffunzjona. Mistoqsija diversi drabi, l-attic tghid illi hija ma sewwietx u lanqas xtrat intercom gdida u li din ghadha bil-hsara minn meta allegatament kissirha t-tifel tal-konvenuti.

Illi minkejja illi l-attrici gabet stima tal-prezz ta' intercom simili, din qatt ma nxtrat. Dan il-fatt iwassal lit-Tribunal sabiex jiddubita kemm fil-verita l-intercom mhijiex funzjonabbli, partikolarment fid-dawl tal-fatt illi l-konvenuti pprezentaw provi cari li l-intercomp ghall-appartament taghhom tiffunzjona sew. Bl-ebda mod dan m'ghandu jfisser li la l-intercom tal-konvenuti tiffunzjona allura ta' l-attrici ghandha tiffunzjona wkoll.

Izda dan it-Tribunal ma jistax jifhem kif xi hadd li jilmenta illi ma jistax jaghmel uzu mill-intercom, jibqa jistaporti sentejn shah u forsi anke aktar biex jara jistax jirkupra prezzha. Minbarra dan, l-attrici ma gabet l-ebda tip ta prova, lanqas dokumentarja sabiex tipprova illi l-intercom relatat ma' l-appartament taghha ma jiffunzjonax.

Illi ghaldaqstant dan it-Tribunal huwa rinfaccat bi prova illi l-intercom tal-konvenuti tiffunzjona sew u l-kelma ta' l-attrici illi taghha ma tahdimx. Fid-dawl ta' dan, it-Tribunal mhux moralment konvint illi l-intercom ma tahdimx ghall-appartament appartjenenti ghall-attrici u dan anke bin-nuqqas ta' prova mill-parti attrici dwar dan il-fatt importanti.

Illi qabel jasal ghad-decizjoni tieghu, dan it-Tribunal ihoss li ghandu dover li jigbed l-attenzjoni illi minkejja d-diversi divergenzi u diffikultajiet li kien hemm bejn il-partijiet fil-passat, ghandu jsir sforz genwin sabiex tirrenja l-paci u armonija bejn girien, partikolarment bejn zewg familji li joqghodu fl-istess blokka ta' tnejn. Decizjoni fuq materja li ghandu quddiemu dan it-Tribunal, kien johrog rebbieh kulhadd illi kieku irrenja l-bon sens u b'diskussjoni civili.

Tenut kont illi l-partijiet sfortunatament jidher illi ghadhom kemm xejn il-boghod minn dan l-istadju, it-Tribunal ser jiddeciedi din il-kawza billi jichad it-talba attrici ghaliex mill-provi prodotti mhux konvint minn dak li qed jigi pretiz mill-attrici.

**Decide**

Ghaldaqstant dan it-Tribunal qieghed jaqta u jiddeciedi din il-kawza billi jichad it-talba attrici stante nuqqas ta' provi tajbin. L-ispejjez ta' din il-kawza ghandom jigu sopportati mill-attrici.

**Avv. Duncan Borg Myatt**

Gudikatur